MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 11/2005

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tal-31 ta' Jannar 2005 kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-imsiefra C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), quddiem ir-Registratur taz-Zwigijiet il-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok 'A', u

Premess illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Premess ili l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Premess illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m' ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fit-23 ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjiri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu ma’ l-assenti C D E, kuntrattat fit-23 ta’ Mejju 1998 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li fit-23 ta’ Mejju 1998 l-attur izzewweg lill-assenti, mara ta’ nazzjonalita’ Norvegiza, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett snin, inkluz zmien ta’ konvivenza. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xi sena u nofs wara, wara hafna litigji, l-assenti siefret lejn in-Norwegja u l-partijiet sseparaw. Fil-21 ta’ Novembru 2001 hija ottjeniet id-divorzju mill-post fejn marret tghix.

Illi jirrizulta li, ghalkemm il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ghal certu zmien u anke kienu ghexu flimkien, l-assenti kienet tkun assenti minn dawn il-Gzejjer ghal zmienijet twal stante li kienet u baqghet tahdem fuq l-oilrigs. Jidher li, ghalkemm l-attur kien komdu li jghix f’ konvivenza maghha, hija kienet insistiet mieghu li dawna jizzewwgu, u di fatti, l-attur ghalkemm kellu d-dubji dwar ir-relazzjoni taghhom accetta ghax kien ihobbha.

Illi l-attur fix-xhieda tieghu jghid li, minhabba l-istil ta’ hajja li kienet tghix l-assenti, u li kienet tahdem fuq l-oilrigs, huwa kien eskluda mill-bidunett l-possibilita’ li jkollu tfal minnha; principalment ghax kellu l-biza li dina titlaq minn Malta u tiehu t-tfal maghha n-Norvegia. L-attur jghid ukoll li l-konvivenza ma’ martu bdiet issir aktar difficli peress li hi kienet dominanti hafna u kien ikollhom hafna glied; bir-rizulta li wara sena u ftit xhur taz-zwieg hija qabdet hwejjigha u telqet lejn in-Norvegja minn fejn ottjeniet id-divorzju.
Il-Qorti tosserva li mill-kwadru premess jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-

duttrina civili hu deskritt bhala colorem habens substantiam vero nullam li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Fil-kaz in disamina rrizulta car li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien vizzjat stante li, ghalkemm esternament huwa ghadda minn ceremonja ta' zwieg, huwa kien eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu, obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga; ghax l-fatt li anke parti wahda tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex irendi z-zwieg null *[PA Anna Galea vs John Walsh 1994]*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fil-ligi fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255; u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Mejju 1998. L-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------